

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1200**tat-22 ta' Awwissu 2018****li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Brioche vendéenne" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Brioche vendéenne", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 738/2004 ⁽²⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat talba għal emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'applikazzjoni tal-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament ⁽³⁾.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-denominazzjoni "Brioche vendéenne" (IĠP) b'dan hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Pierre MOSCOVICI
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 738/2004 tal-21 ta' April 2004 li jissupplimenta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Peras de Rincón de Soto u Brioche vendéenne) (ĠUL 116, 22.4.2004, p. 5).⁽³⁾ ĠUC 95, 13.3.2018, p. 27.